**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 472/2004**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Patrick Spiteri**

Illum, 29 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Patrick Spiteri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 43465(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, fl-24 ta' Frar 2001 u fix-xhur ta' wara din id-data, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, appropja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, somma ta' aktar minn ħames mitt lira, għad-detriment ta' Leslie Bricusse, liema somma kienet ġiet fdata jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 t' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap.

9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Patrick Spiteri ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u kkundanatu għall-piena ta' sentejn (2) priġunerija effettivi.

Rat ir-rikors tal-appellant Patrick Spiteri, ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tannulla u tħassar is-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena miġjuba kontrih, u alternattivament jekk din il-Qorti tagħżel li tikkonferma l-ħtija, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarjaha fil-parti tal-piena inflitta billi minflok tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta għal kaz odjern.

Rat li permezz ta' rikors konġunt tal-appellant u tal-parte ċivile datat 30 ta' Settembru 2024, il-partijiet iddikjaraw li s'issa l-appellant kien ħallas lura lill-parti offiża s-somma ta' €72,500.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet trattazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' April 2024 fejn l-appellant, fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmula mill-Avukat Ġenerali fejn saret referenza għall-istqarrija rilaxxata mill-appellant u fejn l-Qorti kienet għalhekk mitluba teħodha in konsiderazzjoni meta tiġi biex tqis l-aggravji marbuta mal-apprezzament tal-provi, talab sabiex din il-Qorti tiskarta bħala prova din l-istqarrija u dan għaliex huwa ma kienx moghti il-jedd li jkun assistit minn avukat, ma kellux jedd għal qari tal-ittra tad-drittijiet tiegħu li llum tinsab viġenti fil-liġi, kif ukoll ma ngħatax *disclosure* tal-provi li kellha f'idejha il-pulizija li dak iż-żmien huwa lanqas ma kellux jedd għalih skont il-liġi.

**Ikkunsidrat:**

Illi, qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravju ewlieni mqanqal mill-appellant marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul fis-sentenza appellata, l-Qorti ser tqis

l-ilment li tressaq mid-difiża wara li saru is-sottomissjonijiet mill-Avukat Ġenerali, fejn saret referenza għall-istqarrija rilaxxata mill-appellant fl-investigazzjonijiet li kienu qed isiru b'rabta mal-każ. Id-difiża talbet lil din il-Qorti, għalhekk, sabiex meta tiġi biex tqis dan l-aggravju, twarrab dak li l-appellant seta' iddikjara meta kien interrogat mill-pulizija lura fis-16 ta' Jannar 2004[1], u dan għal tlett motivi, u ċioe', li huwa ma kienx moghti il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju, ma kellux jedd għal qari tal-ittra tad-drittijiet tiegħu, li llum tinsab viġenti fil-liġi, u ma ngħatax *disclosure* tal-provi li kellha f'idejha il-pulizija, li dak iż-żmien lanqas ma kellu jedd għalih skont il-liġi.

Jibda biex jingħad illi fil-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti, u li wassluha għad-deċiżjoni tagħha, mkien ma ssir referenza għal din l-istqarrija, u allura din il-Qorti tifhem illi hija ma straħietx fuq din il-prova meta sabet lill-appellant ħati tal-unika imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Fil-fatt dik il-Qorti straħet fuq ix-xiehda tal-parti offiża, dik ta'l-akkużat, kif ukoll id-dokumenti voluminużi li kienu ppreżentati in atti miż-żewġ partijiet, fejn fil-konsiderazzjonijiet tagħha qiset il-fatt illi l-appellant ċaħad illi kellu l-intenżjoni li jikkometti r-reat lilu addebitat u sostna illi l-flus meħuda minnu kienu lilu dovuti in konnessjoni mas-servizzi legali u finanzjarji minnu reżi lill-parti offiża.

Issa mix-xiehda tas-Supretendent Paul Vassallo, li f'dak iż-żmien kien qed jinvestiga ir-rapport magħmul mill-parti offiża Leslie Bricusse, huwa kellem lill-appellant informalment fl-04 ta' Settembru 2003 fejn l-appellant kien stqarr miegħu li r-rapport kien frott ta' malintiż u wiegħdu li kien ser iġib id-dokumenti minn barra minn Malta biex juri dan. Din l-istqarrija ma saritx bil-miktub u allura lanqas ma hemm prova jekk lill-appellant kenitx ingħatat xi forma ta' twissija. Fis-16 ta'Jannar 2004, imbagħad, l-appellant reġa' ġie mitkellem, wara li dawn id-dokumenti baqgħu ma waslux, u ittieħdet stqarrija bil-miktub li hija eżebita in atti bħala dokument PVZ. Qabel ir-rilaxx ta' din l-istqarrija l-appellant ingħata it-twissija li kienet viġenti dak iż-żmien lura fis-sena 2004, fejn allura huwa ma kellux jedd la għall-assistenza legali, u

[1] Eżebita in atti Dokument PVZ a fol.24

konsegwentement ma  inqratlu ebda ittra ta' drittijiet, li ukoll ma kenitx għadha imfassla fil-liġi, kif lanqas kellu jedd l-appellant illi jkun infurmat bl-evidenza materjali li kellha f'idejha il-Prosekuzzjoni. Issa, għalkemm f'din l-istqarrija l-appellant ma jammetti għall-ebda ħtija, u għalkemm l-appellant għandu hu stess il-professjoni ta' avukat, madanakollu dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-istqarrija minnu rilaxxata tikkostitwixxi prova fil-proċess penali li ġie istitwit kontrih u dan meta huwa ma kellux l-assistenza legali meħtieġa. Illi noltre, dak in-nhar meta kien interrogat l-appellant stqarr mal-interrogaturi tiegħu li huwa kellu bżonn xi dokumentazzjoni biex iwieġeb għall-mistoqsijiet tagħhom u allura ma offriex wisq dettall fuq id-dinamika ta' dak li seħħ għalkemm irrinunzja għal jedd tiegħu għas-silenzju.

Illi mbagħad, l-appellant xehed fit-tul quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2019 u eżebixxa d-dokumenti in sostenn tax-xiehda tiegħu. Meta jsirlu il-kontro-eżami mill-Prosekuzzjoni, lanqas ma jsir referenza għall-istqarrija u ma jsirulux domandi fuqha. Illi allura f'dan ix-xenarju probatorju, l-Qorti ma tarax għalfejn għandha tqis din l-evidenza f'dan l-istadju ta' reviżjoni meta huwa ċar minn eżami ta'l-atti li, apparti fil-mument iniżjali tal-proċeduri meta din kienet eżebita u xehed dwarha is-Supretendent Vassallo, ma saret ebda referenza oħra għaliha, lanqas mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Kwindi ġaldarba ma hemm ebda aggravju mill-Avukat Ġenerali fuq in-nuqqas mill-Ewwel Qorti li tqis din il-prova, ma jistax issa jistrieħ fuqha sabiex jindirizza l-ilment imressaq mill-appellant fuq l-apprezzament li sar tal-provi meta din il-prova ma kenitx tifforma parti minn dan l-apprezzament. Kwindi abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tistax issa tqis din il-prova, meta jidher illi l-Ewwel Qorti ma straħietx fuqha, iżda unikament fuq ix-xiehda mogħtija mill-appellant u d-dokumenti eżebiti minnu fil-kors ta'l-istess.

**Ikkunsidrat**,

Sorvolat dan il-punt ta' diverġenza imqanqal fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, imiss li jkun ikkunsidrat l-ewwel aggravju tal-appellant fejn jilmenta mill-fatt illi ma saret ebda investigazzjoni mill-Pulizija wara r-rapport inizjali magħmul mill-

parti offiża, bil-Prosekuzzjoni allura tistrieħ kompletament fuq id-dokumenti u l-verzjoni ta' Bricusse, biex b'hekk ix-xhieda tal-prosekuzzjoni qatt ma setgħet tiġi kkunsidrata bħala waħda kredibbli stante li l-istess hija bbażata fuq evidenza falza u dubjuża, liema evidenza qatt ma ġiet skrutinata minn investigazzjoni indipendenti sabiex tiġi determinata l-attendibbilita' tagħha.

Illi, fil-fatt l-investigazzjoni tal-pulizija skattat fis-sena 2003 meta l-parti offiża Leslie Bricusse għamel rapport dwar allegat misappropjazzjoni ta' flusu mill-appellant u dan meta dan ta'l-aħħar intrabat li jakkwista sensiela ta' *Government Savings Bonds* għan-nom tiegħu f'Malta, liema *bonds* allegatament baqgħu ma nxtrawx, għalkemm l-appellant kien irtira xi flejjes mill-kontijiet bankarji ta'l-imsemmi Bricusse għal dan il-għan. Wara li sar dan ir-rapport, jidher li l-investigaturi ltaqgħu ma' Bricusse u l-legali tiegħu u investigaw id-dokumentazzjoni mgħoddija lilhom u li kienet għad-disposizzjoni tagħhom, liema dokumentazzjoni kienet tikkorrobora l-ilment imressaq. In segwitu ġaladarba l-ilment kien jidher wieħed *prima facie* ġustifikat, u li allura kien jidher li hemm "*a case to answer*", il-Pulizija ressqu lill-appellant il-Qorti. Jirriżulta ukoll illi l-investigaturi bagħtu għall-appellant sabiex jisimgħu il-verżjoni tiegħu u damu xhur sħaħ jistennew biex huwa igħaddhielhom xi dokumentazzjoni bil-għan li jipprova l-innoċenza tiegħu, ħaġa li huwa baqa' ma għamilx sabiex b'hekk kellhom jipproċedu bil-kawża. U allura għalkemm l-appellant, dak iż-żmien suspettat, kellu il-jedd għas-silenzju, madanakollu rinfaċċjati biss bil-provi li kienu lilhom mgħoddija mill-parti offiża, l-pulizija kienet tal-fehma li setgħet tipproċedi bil-prosekuzzjoni tal-każ fil-qorti.

Issa l-appellant jilmenta illi l-pulizija ma stħarrġux ulterjorment dwar l-attendibbilita' tad-dokumenti mgħoddija lilhom mill-parti offiża fl-investigazzjoni tagħhom. Illi jekk għal grazzja ta'l-argument il-Qorti kellha tagħti raġun lill-appellant illi l-investigazzjoni li saret mill-pulizija kienet waħda rudimentali ħafna, dan ma kienx iżomm lill-pulizija li jressqu iċ-ċitazzjoni kontra l-appellant, u jressqu dik l-evidenza miksuba waqt tali stħarriġ, bid-deċiżjoni finali dwar jekk hemmx biżżejjed provi sabiex tirriżulta il-ħtija tistrieħ finalment fuq l-ispalla tal-Qorti u mhux tal-pulizija jew tal-Prosekuzzjoni. Hija l-Qorti finalment li trid tiddeċiedi jekk l-evidenza hijiex falza

jew dubjuża, kif jallega l-appellant f'dan l-aggravju, u allura jekk hijiex attendibbli. Dan ċertament ma jispettax lill-prosekuzzjoni. Kif inhu finalment rimess fid-diskrezzjoni tal-qorti tixtarr jekk ix-xhieda imressqa humiex kredibbli o meno, liema eżerċizzju jidher li sar mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha.

Illi allura jekk l-appellant huwa tal-fehma illi l-provi li ressqet il-prosekuzzjoni kienu fjakki u inattendibbli, u allura illi l-Ewwel Qorti errat fattwalment u legalment meta straħet fuqhom sabiex issib il-ħtija, l-aggravju tiegħu għandu jkun dirett lejn dan l-apprezzament u mhux lejn il-mod kif saret l-investigazzjoni u ta'l-evidenza hemmhekk miġbura. Il-fatt li ma saritx investigazzjoni fil-fond tista' timmilita favur il-malvivent u mhux kontrih. Illi anke s-sentenzi tal-QEDB sabu illi tista' sseħħ vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem meta investigazzjoni tkun fjakka tali illi ma tkunx tista' twassal biex tistabbilixxi ċ-ċirkostanzi tal-każ bil-għan illi ikun hemm il-prosekuzzjoni kontra l-malviventi, u mhux vice -versa:

> ***"192. The investigation must be effective in the sense <u>that it is capable of leading to the establishment of the relevant facts and the identification and punishment of those responsible.</u> The authorities must have taken the reasonable steps available to them to secure the evidence concerning the incident. The investigation's conclusions must be based on thorough, objective and impartial analysis of all relevant elements. While the obligation to investigate is of means only and there is no absolute right to obtain a prosecution or conviction, <u>any deficiency in the investigation which undermines its capability of establishing the circumstances of the case or the person responsible is liable to fall foul of the required measure of effectiveness</u> …[2]"***

Fuq kollox id-dmirjiet tal-Pulizija fir-rigward ta' l-investigazzjoni u prosekuzzjoni tal-każ fil-qorti jitkellem l-artikolu 356 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi illi:

> **356.(1) Huwa dmir tal-Pulizija Eżekuttiva li ġġib quddiem il-qorti mill-aktar fis li tista', u, meta jista' jkun, flimkien mal-imputat, il-provi kollha li tkun ġabret fuq ir-reat.**
>
> **(2) Ikun id-dmir tal-uffiċjali tal-pulizija prosekuturi li jiżvelaw lid-difiża dawk il-provi li jistgħu jidhru li jiffavorixxu lill-persuna akkużata u li l-**

[2] Kolevi v Bulgaria Appl.1108/02 deċiż 5 Novembru 2009

**Pulizija, għal liema raġuni tkun, jista' ma jkollhomx il-ħsieb li jġibu quddiem il-qorti bħala provi tal-prosekuzzjoni.**

Illi mbagħad id-dmir tal-pulizija li tiġbor il-provi u tkompli bl-istħarriġ tagħha ma jieqafx mal-mument li l-allegat awtur tar-reat jitressaq fil-qorti.

**(3) Il-Pulizija Eżekuttiva għandha, ukoll wara li l-imputat jiġi mressaq quddiem il-qorti, tibqa' tiġbor u tagħti lill-Qorti tal-Maġistrati jew, wara li l-imputat jinbagħat biex jitqiegħed taħt att ta' akkuża, lill-Avukat Ġenerali, kull informazzjoni oħra li jista'jkollha dwar ir-reat.**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi kollha dan l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji minnu mressqa, l-appellant jilmenta mill-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, u għalhekk dawn ser jiġu trattati flimkien. In suċċint, l-appellant jibda' billi jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet diversi konsiderazzjonijiet li ma jirriflettux il-fatti u li dawn l-istess ineżattezzi wasslu sabiex isir l-apprezzament erronju lamentat. *In oltre,* huwa jisħaq li f'dawn il-proċeduri ma tressqitx l-aħjar prova mill-Prosekuzzjoni u li dan kien ta' preġudizzju għalih. Finalment jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet ukoll apprezament ħazin tal-kreddibilita' tal-parti offiża fil-verżjoni tal-fatti minnu mogħtija.

Illi, ġialadarba dawn l-aggravji jikkonċernaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tibda' billi tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[3].

---

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta

Illi, l-appellant jibda biex jislet siltiet mill-konsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza appellata li, fil-fehma tiegħu, ma kenux jirriflettu il-provi u ċioe':

1. Dikjarazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti illi l-appellant kien qed jaħdem sabiex il-klijent tiegħu Bricusse iħallas rata ta' taxxa ta' 5%, meta dan ma kienx minnu għaliex jikkontendi li l-intendiment kien li Bricusse kellu jħallas rata fissa ta' taxxa ta' 15%.
2. Dikjarazzjoni mill-Ewwel Qorti li fost is-servizzi reżi lil Bricusse, l-appellant kellu jieħu ħsieb ukoll il-beni immobbli ġewwa Malta tal-klijent tiegħu, meta dan ma kienx minnu għaliex is-servizzi minnu reżi kienu jikkonċernaw unikament il-patrimonju finanzjarju ta' Bricusse.
3. Mhux minnu lanqas, jikkontendi l-appellant, dak dikjarat mill-Ewwel Qorti illi mill-uffiċċju fejn kien jaħdem kien hu biss li kien jieħu ħsieb lill-klijent tiegħu, meta fil-fatt kien hemm numru ta' nies b'responsabbiltajiet varji fil-konfront tal-klijent.
4. Mhux minnu lanqas illi l-appellant saħaq li l-iżbank tal-flus sar biex jitħallas id-dejn li kellu Bricusse f' Malta. Igħid illi kif jirriżulta mill-affidavit tiegħu, il-fondi kienu żbankati sabiex jintużaw għall-investiment fil-*bonds*.
5. Jilmenta illi l-Ewwel Qorti skartat il-fatt illi kienet iffirmata t-tieni prokura fis-16 ta' Frar 2001, li kienet waħda ġenerali fejn l-appellant ingħata is-setgħa jamministra l-proprjeta tal-klijent tiegħu b'mod ġenerali. Fil-fatt, jikkontendi l-appellant, l-iżbank seħħ abbażi tat-tieni prokura u mhux l-ewwel waħda. Dan huwa kkonfermat ukoll minn rappreżentant tal-*Lombard Bank*, Raymond Formosa. Illi mhux minnu allura dak li tasserixxi l-Ewwel Qorti li l-appellant kellu is-setgħa biss li jiżbanka l-flus biex jinxtraw il-*bonds,* meta bejn l-ewwel prokura limitata tal-14 ta' Frar 2001 u dik tas-16 ta' Frar 2001 l-poteri tal-prokura twessgħu u dan wara diskussjonijiet telefoniċi li l-appellant kellu mal-klijent tiegħu.

---

v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

6. L-Ewwel Qorti errat ukoll meta ikkonkludiet li l-iżbank tal-fondi kellu jservi unikament sabiex isir l-investiment miftiehem, meta din l-asserzjoni fil-fehma tiegħu hija bbażata fuq dokument falz.
7. Jikkritika il-fatt illi l-Ewwel Qorti qieset id-dikjarazzjoni magħmula mal-appellant illi lura fis-sena 2001, id-deċiżjonijiet importanti kienu jittieħdu telefonikament, bħala waħda inverosimili meta dan kien każ li seħħ fi żmien li ppreċediet l-era tal-posta elettronika. Errat allura meta skartat dak li ftiehem l-appellant mal-klijent tiegħu b'mod telefoniku.
8. Errat ukoll l-Ewwel Qorti meta qieset li kien inverosimili li l-appellant ħalla l-kont jitla' għall-ammont konsiderevoli qabel talab il-pagament tiegħu lill-klijent meta din kien prassi tal-uffiċċju legali fejn kien jaħdem.
9. Għamlet konsiderazzjoni ukoll żbaljata l-Ewwel Qorti, fil-fehma tal-appellant meta sejset l-inverosimiljanza ta' dak dikjarat mill-appellant dwar il-kont dovut lilu meta qieset illi l-fattura tas-07 ta' Novembru 2000 li kienet iktar baxxa mill-fatturi li ippreċedewha kienet tfisser illi kien sar xi ħlas minn Bricusse. Dan ma huwa minnu xejn għaliex, isostni l-appellant, ma kenitx biss id-ditta legali *Muscat Azzopardi, Spiteri & Associates* li kienet toffri is-servizzi lil Bricusse, iżda kienu joffrulu ukoll servizzi id-ditta *Zimmermann House Projects Limited* u fil-fatt il-fattura msemmija nħarġet minn ZHP u mhux MASA. Fuq kollox wara li id-ditta legali MASA sfaxxat, l-appellant baqa' joffri is-servizzi tiegħu b'mod privat lil Bricusse biex b'hekk l-*invoices* ta' wara ma kenux ser jinkludu xi drittijiet dovuti lid-ditta legali MASA.

Jilmenta l-appellant imbagħad li d-dokumenti eżebiti mill-prosekuzzjoni, senjatament id-dokumenti PV1 Sa PV35, kif ukoll d-dokumenti ppreżentati mill-parti offiża u ċioe' Dok B1 sa B26, Dok B28 sa B46 (għad-esklużjoni ta' Dok B29, B30, B42, B43 u B44), Dok X, Dok MSE1, Dok G1 sa G10 u Dok. G12, ma kenux awtentiċi iżda biss fotokopja biex b'hekk il-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-aħjar prova. L-oriġinal ta' dawn id-dokumenti qatt ma kien ippreżentat, kif lanqas kienu ikkonfermati mill-awturi tagħhom.

Fil-fatt fir-raba' aggravju l-appellant issotni illi d-Dokument B23 eżebit a fol.208 huwa ffalsifikat billi għalkemm l-istess ittra hija eżebita mill-appellant bħala Dok.PS216, madanakollu dawn huma ferm differenti minn xulxin għaliex għalkemm il-kopja eżebita mill-parti offiża tidher li hija iffirmata mill-appellant, madanakollu l-oriġinal, li huwa eżebit mill-appellant, iġorr il-firma ta' Pauline Abela li kienet f'dak iż-żmien impjegata bħala segretarja. Illi ukoll id-Dokument B16 eżebit a fol. 201 huwa *fax* li qatt ma ntbagħat mill-appellant. L-appellant huwa tal-fehma illi dan il-fatt kellu jwassal lill-Ewwel Qorti tiddubita mill-verżjoni tal-fatti tal-parti offiża u l-kredibbilita' tiegħu.

Illi fil-fatt fiż-żewġ aggravji li jsegwu l-appellant isostni illi l-Ewwel Qorti malament qieset li l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-parti offiża kienet iktar kredibbli minn dik mogħtija minnu. Jikkontendi illi hemm serje ta' inkonsistenzi bejn ix-xiehda mogħtija mill-parti offiża in eżami u dik mogħtija in kontro-eżami fejn jasserixxi li huwa kien afda flusu f'idejn l-appellant sabiex jakkwistalu proprjeta immobbli ġewwa Malta għal omm il-mara tiegħu, meta dan ma kienx il-każ, billi l-kwerela lill-pulizija kienet saret minħabba allegat frodi fuq xiri ta' *bonds/stocks* tal-Gvern. Meta imqabbel ma' din il-verżjoni, l-appellant jisħaq illi l-verżjoni mogħtija minnu kienet waħda iktar dettaljata fejn eżebixxa d-dokumenti kollha li juru ir-relazzjoni li kien hemm bejnu u bejn il-klijent tiegħu. Illi l-appellant jikkontendi illi żbaljat l-Ewwel Qorti meta qieset dawn l-inkonsistenzi bħala ineżatezzi minħabba t-trapass taż-'żmien, iktar u iktar meta għal dan it-trapass ta' żmien ma kienx jaħti l-appellant li dam jipprova biex jagħmel il-kontro-eżami mis-sena 2008 sa 2019, tant illi kien anke intavola rikors għall-isfilz tax-xiehda tal-parti offiża. Jelenka diversi diskrepanzi oħra bejn ix-xiehda tal-parti offiża in eżami u dik in kontro-eżami, fosthom meta jiċħad li kien iħallas it-taxxa ġewwa Malta, meta jsostni li kien Godwin Muscat Azzopardi li introduċieh mal-appellant, meta jikkontendi illi l-flus li għadda lill-appellant kien ġabhom minn bank f'Londra, meta l-provi u dak dikjarat mill-parti offiża in eżami jindikaw xort'oħra u allura fil-fehma tal-appellant dan iġib lill-parti offiża prosegwibbli għal sperġur.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-bidu tas-sena 2003 l-Pulizija irċeviet rapport minn għand ċertu Leslie Briccuse, fejn allega illi huwa kien inkariga lill-appellant sabiex jutilizza xi flejjes li kellu iddepożitati f'bank lokali sabiex jakkwista *Government Savings Bonds* f'ismu mill-Borża ta' Malta, liema flejjes madanakollu ma kenux utilizzati għal dan l-iskop, iżda kienu meħuda indebitament mill-appellant. Bricusse stqarr mal-Pulizija li hu kien jgħix barra minn Malta u li kien jinqeda bis-servizzi tal-appellant, fl-ewwel lok meta għenu jikseb il-permess ta' residenza ġewwa Malta għal skopijiet ta' taxxa, u wara meta fuq parir tal-appellant iddeċieda li jinvesti parti mill-kapital li kellu iddepożitat f'kontijiet bankarji ġewwa Malta fix-xiri ta' *Government Savings Bonds.* Illi għal dan il-għan kien għamel prokura favur l-appellant sabiex ikun jista' jeħodlu ħsieb dan l-investiment, bl-appellant allura jikseb *mano libera* fil-moviment ta' dawn il-flejjes ta' Bricusse li kienu ġewwa Malta. Dawn il-flejjes kienu jlaħħqu s-somma ta' madwar Lm100,000. Illi huwa inkontestat mill-provi akkwiżiti illi l-akkwist ta' dawn il-*GSB* qatt ma sar mill-appellant, bil-parti offiża u il-prosekuzzjoni jikkontendu illi l-flejjes ġew approprjati indebitament mill-appellant, u bl-appellant minn naħa l-oħra jikkontendi illi dawn il-flejjes marru sabiex isaldaw kontijiet li kellu pendenti Bricusse miegħu bħala ħlas għal servizzi minnu reżi tul is-snin, u għal ħlasijiet ta' xi djun oħra li kellu l-klijent tiegħu, bħal ħlas ta' krejja in konnessjoni mal-proprjeta' li kien qed jikri ġewwa Malta.

Illi, fl-atti tinsab komunikazzjoni dokumentarja kopjuża skambjata bejn l-appellant u l-parti offiża eżebiti kemm mill-Prosekuzzjoni u l-parti offiża, kif ukoll mill-appellant. Illi, fil-fehma tal-Qorti, din l-evidenza tixħet dawl fuq dak li rejalment seħħ.

Illi d-Dokument PV18 hija *fax* skambjata bejn l-appellant u Bricusse fejn l-appellant jagħti rendikont lill-klijent tieghu dwar l-ordni li saret fil-Borża ta' Malta għall-akkwist tal-*bonds*:

> ***We have made the following orders at the Malta Stock Exchange which will be purchased as soon as we affect payments during the course of next week:***
>
> ***Lm25,000 worth of 6.9% 2000 II MGS***
>
> ***Lm20,000 worth of 6.5% 2001 II MGS***
>
> ***Lm25,000 worth of 6.15% 2001 IV MGS***

***Lm25,000 worth if 7.75% 2002 MGS***

***Copies of these orders and the registration of your name with the Malta Stock Exchange are here attached.***

Illi f'din il-korrispondenza l-appellant jitlob lill-klijent tiegħu prokura, li fil-fatt hija eżebita in atti bħala dokument PV19, datata ukoll is- 16 ta' Frar 2001 fejn il-parti offiża ħatar lill-appellant "***to appear on my behalf and be empowered specifically to demand and withdraw from Lombard Bank Malta plc from my account numbers 02520200548 and 02440200548 held with Lombard Bank Malta Limited up to a total sum of one hundred and fifty thousand pounds Sterling which are due to me with powers to agree to any terms and conditions***".

Illi wara dan jidher illi mill-kont li kellu l-parti offiża mal-*Lombard Bank* inġibdu il-flus, u dan kif jikkonferma Ray Formosa, *Bank Manager* mal-Bank li xehed li l-appellant kien għamel *withdrawals* mill-kont tal-parti offiża fl-24 ta' Frar 2001 u fis-26 ta' Frar 2001 rispettivament. Huwa kien ħallas permezz tas-segwenti "*bank drafts*": -

**26.02.2001 – Lm20000**

**26.02.2001 – Lm733.93**

**26.02.2001 – Lm20000**

**24.02.2001 – Lm4820.58l**

**24.02.2001 – Lm10238.60**

**24.02.2001 – Lm19575.15**

Wara dan jidher illi l-appellant kien akkwista *bonds* tal-valur ta' ftit inqas minn Lm20,000, iżda il-ħlas permezz taċ-ċekk li għadda l-appellant ma ssarrafx, u dan kif tixhed Marisa Muscat, in rapprezentanza ta' *Global Financial Management* meta tikkonferma illi "**... fi Frar tas-22nd February 2001 inxtraw 19,000 nominal Malta Government Stocks, li jidher minn hawn huwa li Globe Financial Stock Brockers ġie mħallas b'ċekk maħruġ for Side Holdings Ltd u mbagħad kien jidher li wara xi ftit dawk l-istess stock ġew mibjugħa**". Tispjega li minn riċerka li saret da parti tagħhom irriżulta li ċ-ċekk ma kienx ġie onorat mill-bank u għalhekk "**Globe Financial Stock Brokers ma kinitx irċeviet il-flus li kienu dovuti lejha għal dan l-istock, allura zammet l-istock hi, biegħthom u zammet il-flus ovvjament il-proceeds tal-bejgħ**".

Illi jidher illi il-parti offiża beda jiffitta lill-appellant biex jagħtih informazzjoni dwar dan l-allegat investiment, iżda baqa' ma irċeviex risposta definittiva u għalhekk fis-sena 2003 beda jagħmel ir-riċerka tiegħu sabiex jindaga dwar dak li seħħ[4]. Ma jidhirx illi f'dan il-perijodu ta' żmien l-appellant infurmah illi huwa kien irċieva dawn il-flejjes bħala ħlas ta' drittijiet legali dovuti lilu jew inkella li użahom sabiex iħallas xi djun li kellu l-klijent, u dan kif jikkontendi l-appellant fix-xiehda tiegħu.

Mhux biss, iżda jidher illi Bricusse imbagħad inkariga avukat, Dr. Michael Grech, sabiex jikkorrispondi mal-appellant bil-għan illi huwa jkun rifuż il-flus li kienu miġbuda mill-kont tiegħu mill-appellant. Dr. Michael Grech jixhed fuq il-korrispondenza skambjata bejnu u bejn l-appellant, li allura, kuntrarjament għal dak li jallega l-appellant ma hijiex *detto del detto*, iżda fiha hemm it-tweġibiet jew in-nuqqas tagħhom li kienu ġejjien minn naħa ta'l-appellant u dan kif rifless fid-Dokumenti MG, MG8, u MG16. Ma jidhirx illi l-appellant ikkorrisponda *a tempo vergine* ma' l-avukat u offra l-ispjegazzjoni li huwa jagħti fil-Qorti  kważi ħmistax-il sena wara.

Illi għalkemm id-dokumenti eżebiti mill-Prosekuzzjoni huma biss kopji ta' *faxes* li l-parti offiża kien bagħat lill-appellant, kif ukoll korrispondenza oħra skambjata mal-Borża ta' Malta u mas-soċjeta *Globe Financial Management* li kienet qed tieħu ħsieb l-akkwista tal-*bonds*, madankollu l-fatti indikati f'din il-korrispondenza hija kkonfermata bil-ġurament mhux biss mill-parti offiża innifsu iżda ukoll mix-xhieda l-oħra li ddeponew fosthom rappreżentanti mill-Borża ta' Malta, mill-*Global Financial Managament*[5], mill-*Lombard Bank*[6] u l-avukat tal-parti offiża Dr. Michael Grech, li ukoll għamel il-verfiki tiegħu qabel ma sar ir-rapport lill-pulizija. Illi fuq kollox RayFormosa stess, *manager* tal-*Lombard Bank*, jikkonferma illi l-iskop li għalih inġibdu il-flejjes kien sabiex ikunu akkwistati dawn il-*bonds*, u mhux għal xi ħlasijiet oħra[7]. Dan ix-xhud ukoll jikkonferma, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant, illi l-uniku prokura li kellha f'idejha il-Bank kienet waħda biss, u għalkemm mistoqsi in kontro-eżami jekk jistax ikun li hemm iktar minn prokura waħda, huwa jibqa' jinsisti illi l-

[4] Ara Dokument PV35
[5] Ara xiehda Amanda Spiteri Mizzi fol.160
[6] Ara xiehda a fol.133 et seq.
[7] Ara xiehda a fol. 134.

bank kellha prokura waħda biss, u ċioe' id-Dokument L2 eżebita minnu li hija identika għad-dokument PV19 eżebita mill-uffiċjal prosekutur. Illi mbagħad il-maġġior parti tad-dokumenti eżebiti mill-parti offiża fil-kors tax-xiehda tiegħu huma dawk li kienu diġa in atti u eżebiti mill-Prosekuzzjoni u mix-xhieda li iddeponew, kif ingħad.

Illi l-Qorti eżaminat ukoll id-dokument B23 eżebit mill-parti offiża li l-appellant jallega li huwa falz meta imqabbel mal-oriġinal tad-dokument minnu eżebit Dok. PS216, u dan għaliex wieħed jidher li huwa iffirmat minnu u l-ieħor huwa iffirmat għan-nom tiegħu mis-segretarja tiegħu. Issa għalkemm huwa minnu illi l-persuni li ffirmaw d-dokument jidhru li huma differenti fuq iż-żewġ ittri, madankollu il-kontenut ta'l-*fax* huwa identiku, liema kontenut l-appellant ma jikkontestax. F'din il-*fax* l-appellant imkien ma jinforma lill-klijent tiegħu illi huwa ma irnexxielux jakkwista dawn il-*bonds* u li utilizża l-fondi għar-raġunijiet li jagħti fix-xiehda tiegħu. Illi l-Qorti ma tara li hemm xejn iffalsifikat f'din il-korrispondenza billi dik li jeżebixxi l-appellant tikkontjeni l-istess informazzjoni li jindika l-parti offiża fid-dokument minnu eżebit u li l-appellant jallega li huwa iffalsifikat.

Illi allura huwa verosmili dak li jikkontendi il-parti offiża illi meta kien jitlob informazzjoni lill-appellant dwar l-investiment li għamel, dan kien iwieġbu li kien hemm xi problemi amministrattivi fir-rigward il-flejjes in kwistjoni, u mhux kif jikkontendi l-appellant illi kien hemm xi ftehim bejniethom illi huwa kellu jutilizża l-fondi sabiex jitħallas għas-servizzi legali minnu reżi.

Illi ma huwiex kontestat illi l-flejjes miġbuda mill-appellant mill-kont bankarju ta'l-parti offiża spiċċaw f'butu u dan kif jikkonferma ir-rapport redatt mill-espert Joseph Gaffiero li jikkonferma illi l-firem fuq dawn il-*bank drafts* meta ġew iġġirati ma hija ta' ħadd ħlief l-appellant:–

> "**Nikkonkludi billi nsostni bla ebda dubju li l-firem li jidhru fuq il-warrani tas-sitt ċekkijiet in kwistjoni ... huma filfatt iffirmati mill-istess id li ffirmat l-ispeciman signature cards, jiġifieri dik ta' Patrick Spiteri ... u dan jien niddikjarah b'ċertezza ta' mija fil-mija**".

Mhuwiex ikkontestat lanqas illi l-appellant ma akkwista ebda *Government Savings Bonds* f'isem il-parti offiża għalkemm jidher li l-ftehim inizjali kien f'dan is-sens. Illi l-ammont minimu li fil-fatt akkwista u ħallas għalihom permezz ta' ċekk, ma ġewx investiti finalment għaliex iċ-ċekk ma ġiex onorat. Fil-fatt mix-xhieda ta' Dr Michael Grech, l-*Istock Exchange* "**kienu ikkonfermaw illi kien hemm holding waħda mill-ammont li ġiet investita f'isem Mr Brincus mill-Globe, u sussegwentement ġiet mibjugħa din il-holding. Pero' għal dak li jirrigwardja ċertu holdings li presumabilment kienu nvestiti, dawk ma kienux jezistu**". Xehed li kien ukoll avviċina lil Globe li kienu qalulu "**li kien hemm transazzjoni waħda ... li kienet turi li kien hemm bejgħ a purchase on a sale within a space of a week ta' dan il-holding pero' il-flus l-oħrajn skond il-Globe ma kienux ġew passed on to the Globe...**". Kif ingħad dan huwa ikkonfermat mir-rappreżentant tal-*Globe Financial Services* li xehdet f'dawn il-proċeduri.

Illi, rigwardanti xi ħlasijiet allegatament dovuti mill-parti offiża lill-appellant, Dr Michael Grech xehed:

> "**Qatt, qatt, qatt. Dr Spiteri qatt ma qalli li Mr Bricusse kellu jagħtih xi flus jew isuġġerixxa jagħmel set off b'ċerti ammonti, affarijiet tal-genere qatt ma qal xejn ... Dr Spiteri qatt ma qalli li Mr Bricusse kellu jagħtih xi flus ... Dr Spiteri kien qalli illi kien f'pozizzjoni dalwaqt illi jillikwida bla, bla, bla u li kien se jkun f'pozizzjoni li jirrestitwixxi l-ammonti lil Mr Bricusse**".

Illi, Stephania Galea, in rapprezentanza tal-*Malta Stock Exchange* xehdet li fis-16 ta' Frar 2001 rċevew talba sabiex jinfetaħ kont f'isem Mr Leslie Briccuse, u nfetaħ il-kont mitlub. Tgħid li wara dan, fis-16 ta' Frar 2001, kien hemm "*a sole purchase*" ta' 20,000 "*securities*", li sussegwentement nhar it-8 ta' Marzu 2001 kienu nbiegħu.

Illi, il-parti offiża Leslie Bricusse xehed quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarr li l-appellant kien l-avukat tiegħu f'Malta fl-1996 u li kien għamel rapport mal-Pulizija fil-konfront tiegħu minħabba "***misappropriation of funds that I remitted to Malta, from 1998 to 2001, I was told that the funds had been invested in Maltese Government Bonds, which proved not to be so, and the money disappeared***". Ikompli jgħid li:-

> ***"Dr Patrick Spiteri told me that if I invested the money in Maltese Government Bonds, there would be no tax payable on the money that I had sent here, so not knowing about Maltese Law or tax, I took his advice, which meant that I had***

> ***to make a power of attorney, giving him jurisdiction over the funds, which was in a sum of approximately 150 000 British pounds, which I was sent investment papers that the money had gone in, but it turned out that those papers were false"***

Illi, *in oltre*, Bricusse stqarr li:–

> ***"I waited a year and a half for the money to come back because Dr Spiteri said that the funds would be released after the Maltese tax authorities cleared it, and I waited for six months a year, I involved my London Bank in the dialogue and as a volominuous correspondence among all the parties, but it became increasingly clear that the money was not there. Dr Spiteri came to London, we had lunch with the manager of the bank and myself, at which he blamed the Maltese Tax Authorities for being so slow to remit the clearance which never came because there wasn't one".***

Illi, l-appellant għazel li jixhed quddiem l-Ewwel Qorti fejn spjega li huwa kien l-avukat tal-parti offiża għal diversi snin. Huwa stqarr, *inter alia,* li Bricusse kellu jħallsu s-somma ta' Lm89,220.66 għal servizzi rezi minnu tul is-snin u li kien infurmah telefonikament b'dan, fejn infurmah ukoll illi qabel ma jkun saldat dan il-kont huwa ma setax jipproċedi biex jagħmillu l-investimenti mitluba. Isostni illi lil Bricusse għalhekk kien infurmah li kien se juża l-fondi tiegħu li kellu ġewwa l-*Lombard Bank* sabiex iħallas dawn il-fatturi pendenti. Fil-kors tax-xiehda tiegħu li hija piuttost idettaljata hemm ippreżentat *time-line* tas-servizzi li huwa irrenda favur Bricusse u anke ippreżenta dokumentazzjoni biex isostni dak minu allegat. Jiċħad illi huwa kiseb xi fondi minn għand il-parti offiża indebitament.

Issa, mid-dokumenti ippreżentati mill-appellant stess Dokumenti PS64 u PS65 u PS66 mibgħuta mill-parti offiża fl-10 ta' Diċembru 2002, 18 ta' Diċembru 2002 u 2 ta' Jannar 2003 jidher illi ebda tweġiba ma intbagħet mill-appellant fuq mistoqsijiet mill-klijent dwar l-investimenti tiegħu, fejn minn imkien ma jidher illi l-appellant wieġbu bir-raġunijiet li jġib fix-xiehda tiegħu.

Fir-rigward tar-rata ta'taxxa li l-klijent kien infurmat li kienu jkunu dovuti lil-erarju pubbliku mill-investiment tiegħu, jidher mid- Dokumenti PS37 u PS38[8] illi fil-fatt l-appellant kien informa lill-klijent tiegħu illi r-rata ta' taxxa li jkun irid iħallas hija ta' 5% u dan wara li mill-15% rata ta' taxxa dovuta jigi akkreditat l-10% *witholding tax* li

[8] Fol.1371 ta'l-atti

l-klijent ikun ħallas gewwa l-Ingilterra. Kwindi ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti errat fil-konsiderazzjonijiet tagħha kif jikkontendi l-appellant.

Illi din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, hija ferm perplessa kif, għalkemm l-appellant jallega li kien hemm ammont sostanzjali dovut bħala ħlasijiet għal servizzi reżi, madanakollu ma hemm ebda korrispondenza skambjata mal-klijent fir-rigward tal-ħlasijiet li ma kenux qed isiru u dan għall-fatturi li huwa jeżebixxi għas-snin mill-1996 sas-sena 2000, meta jidher illi kien hemm korrispondenza voluminuża u kontinwa tul is-snin fuq kull aspett tar-relazzjoni bejn il-klijent u l-avukat tiegħu. Illi il-fatturi eżebiti bħala Dokumenti PS201 sa PS205[9] iġibu id-dati tat-30 ta' Ottubru 1996, 18 ta' Ġunju 1997, 2 ta' Ġunju 1998, 17 ta' Ġunju 1999 u 7 ta' Novembru 2000. Illi mbagħad hemm dokument ieħor, fattura eżebit a fol.1585 ta'l-atti, ukoll datat il-15 ta' Novembru 1999 fl-ammont ta' Lm16,850, li allegatament ikopri is-servizzi professjonali sal-31 ta' Mejju 1999, meta imbagaħd hemm fattur oħra datata 17 ta' Ġunju 1999, dokument PS204, li ukoll jidher li jkopri servizzi reżi sal-31 ta' Mejju 1999, din id-darba, iżda, fl-ammont ta' Lm24,800, li twassal lil-Qorti tistaqsi liema waħda minnhom tirrifletti il-ħlas verament dovut. Oltre dan imbagħad hemm ukoll tlett fatturi Dokumenti PS201, PS202 u PS203 li lanqas huma iffirmati. Fuq kollox lanqas hemm rendikont dwar liema servizzi reżi ikopri dan l-ammont allegatament dovut, li mhuwiex xi wieħed irriżorju. Kwindi l-Qorti għandha id-dubbji tagħha kemm rejalment l-ammonti eżorbitanti indikati f'dawn il-fatturi kienu fil-fatt dovuti, kif jallega l-appellant, jew jekk kienu dovuti li fil-fatt dawn baqgħu ma tħallsux. L-appellant ma jirnexxielux jipprova l-istess sal-grad minnu mistenni. Fuq kollox jekk dawn il-fatturi kienu f'idejh sa mis-sena 2000, x'kienet ir-raġuni illi huwa naqas milli jibagħthom lill-klijent tiegħu, kif jidher illi kien isir regolarment u konsistentement dejjem permezz ta' korrispondenza bil-mitkub, jew permezz ta' *fax transmission* li kienet tkun reġistrata u dokumentata. Oltre minn hekk, mill-istess dokumentazzjoni jemerġi illi kull darba li kien hemm xi skambju telefoniku mal-klijent dan kien ikun debitament reġistrat, bħal kif jidher, per eżempju, mid-dokument PS90 eżebit mill-appellant. Għal dawn il-motivi għalhekk din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma

[9] Fols.1657 et seq

tistax tagħti affidament lit-teżi imressqa mill-appellant illi kien hemm ftehim fuq saqajh illi l-flus li huwa ġibed mill-bank intużaw sabiex isiru dawn il-ħlasijiet. Ebda dokument ma hemm in atti li jindika dan il-ftehim, iżda id-dokumenti eżebiti jindikaw il-kontra u ċioe' illi l-flejjes li l-appellant kienu fdati f'idejh mill-parti offiża kellhom jiġu utilizzati sabiex isir l-investiment fil-*GSB*s u għal xejn iżjed.

**Ikkunsidrat:**

Issa, huwa ħati tar-reat ta' approprazzjoni ndebita –

> **Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ...**

Illi, tali reat jiġi aggravat u jitmexxa *ex officio* mill-Pulizija kull "**..... meta d-delitt imsemmi ..... jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju.**"[10]

Illi, għalhekk, l-element ewlieni li jikkostitwixxi dan ir-reat "**mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan**."[11]

Illi, *in oltre*, kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei –

> ***La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)***

U dana bil-Qorti ta' Cassazioni Taljana tisħaq f'deċizjoni reċenti illi –

---

[10] Artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali.

[11] "Pulizija vs Joseph Muscat", Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.

***Il reato di appropriazione indebita si consuma nel momento dell'inversione del possesso, vale a dire quando il possessore compie un atto di dominio sulla "res", così manifestando l'intenzione di tenere questa come propria.***

***L'appropriazione indebita può consistere anche nel solo uso della cosa, il quale è un modo di esercitarne il diritto di proprietà, se l'uso stesso non sia assolutamente consentito, atteso il titolo del possesso, ovvero risulti diverso da quello che, secondo questo titolo, è legittimo, divenendo cosi manifestamente un mezzo per effettuare l'appropriazione, se accompagnato dalla volontà di disporre della cosa come se fosse propria (Cass. Sez. 2, Sentenza n. 2954del 15/12/1971 Ud. (dep. 03/05/1972) Rv. 120966; nel senso che l'appropriazione indebita d'uso integri il reato di cui all'art. 646 c.p.cfr Sez. 3^, Sentenza n. 3445del 2/2/1995, Riv. 203402).***

***Quello che conta è che l'uso indebito del bene, sia avvenuto trascendendo completamente - come nel caso di specie - i limiti del titolo in virtù del quale l'agente deteneva in custodia il bene, di modo che l'atto comporti un impossessamento, sia pure temporaneo, del bene, determinandosi così quell'inversione del possesso che costituisce l'elemento oggettivo della struttura del reato ( in tal senso N. 47665 del 2009 Rv. 245370 - 01; n. 44650 del 2015 Rv. 264899 - 0).***[12]

Illi, minn dan it-tagħlim ġurisprudenjzali huwa manifest illi r-reat tal-approprjazzjoni indebita jiġi kkunsmat mal-mument li issir l-inverzjoni tal-pussess tal-oġġett mobbli u ċioe' f'dak il-mument illi l-awtur tar-reat jikkonverti dak l-oġġett għall-uzu tiegħu bħala s-sid tal-istess. Minn dan l-aġir jiġi deżunt imbagħad l-element formali tar-reat meta l-awtur juri l-intenzjoni li jżomm jew juża l-oġġett lilu fdat *animo domini*, daqslikieku kien tiegħu. Filfatt, is-sentenza fl-ismijiet "Pulizija vs Anthony Mary Bajada", il-Qorti stqarret illi –

**Id-delitt ta' approprjazzjoni ndebita jigi konsumat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun pruvat meta c-cirkustanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' lapproprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibili malkawza u t-titolu tieghu tad-detenzjoni ta' dik il-haga.**[13]

Illi, dawn il-punti ġurisprudenzjali dwar ir-reat in dizamina, ġew ukoll superjorment ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, u meta analiżżati fid-dawl tal-provi prodotti waslet biex issib ir-reita' fl-appellant, u għalkemm ikkonċediet illi kien

[12] Cassazione penale, sez. II, Sentenza 10/05/2019 n° 20231.
[13] Imħallef A. J. Montanaro Gauci, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża fl-1 ta' Marzu 1952.

hemm xi inkonsistenzi fix-xiehda tal-parti offiża speċjalment meta dan xehed in kontro-eżami diversi snin wara, madanakollu qiset illi l-verzjoni tal-fatti tal-parti offiża kienet l-aktar verosimili u mhux dik tal-appellant.

Illi wara li eżaminat l-atti kollha u d-dokumenti eżebiti, l-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti u dan ukoll għaliex l-verżjoni tal-fatti tal-parti offiża hija konsistenti fl-essenza tagħha, u hija saħansitra kkorroborata minn xhieda oħra u provi dokumentarji voluminużi. Minn dawn il-provi dokumentarji, kif diġa' ingħad, jemerġi illi l-parti offiża kien ta permess, bil-miktub, lill-appellant sabiex juza' flusu speċifikatament sabiex jixtri l-*bonds* in diżamina u mhux għal affarijiet oħra. *In oltre*, dina l-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, għar-raġunijiet diġa' indikati, għandha d-dubbji tagħha dwar dak li stqarr l-appellant u ċioe' li huwa kien informa lil Bricusse telefonikament li kien ser juża' l-flus sabiex jitħallas tal-fatturi pendenti li kellu. Hekk kif irrimarkat ben tajjeb l-Ewwel Qorti, mill-provi prodotti jirrizulta biċ-ċar li l-komunikazzjoni bejn l-appellant u l-parte ċivile kienet dejjem issir bil-miktub, speċjalment fir-rigward materji ta' importanza. Għalhekk dina l-Qorti tqis li arranġament bħal dak allegat mill-appellant mhux verosimili li sar bil-fomm, u ġialadarba ma hemm xejn bil-miktub, dina l-Qorti tqis li tali ftehim filfatt ma sar qatt. Dan huwa anke msaħħaħ mid-diversi komunikazzjonijiet li saru bejn l-appellant u l-parti offiża, u anke bejn Dr Michael Grech u l-appellant, fejn l-istess appellant dejjem saħaq li r-raġuni 'il għala ma kienx għadu għadda l-flejjes lura lill-Bricusse kienet minħabba diversi problemi amministrattivi u burokratiċi, u qatt ma semma' din il-kwistjoni tal-fatturi pendenti! Kull ma jirriżulta huwa li l-appellant kien ingħata permess mill-parte ċivile sabiex jinvestilu flusu f'*bonds* u li l-appellant kien ġibed dawn l-istess flejjes imma ma kien investihom qatt. Illi għalkemm l-appellant jixhed b'mod dettaljat, madanakollu ma iressaqx l-iċken prova li turi l-moviment tal-flus li huwa ottjena minn għand Bricusse, u ċioe' x'sar minn dawn il-flejjes mill-mument li huwa sarraf il-*bank drafts* li kienu mgħoddija lilu. Din il-prova kellha issir minnu u mhux kif jikkontendi mill-Prosekuzzjoni, billi kien evidenti, kif lanqas *del resto* ikkontestat, illi l-appellant ma investa ebda flejjes fil-*GSB*s kif kien wiegħed u intrabat li ser jagħmel. Illi allura mill-

mument illi kien hemm l-inverżjoni tal-flejjes akkwiżiti mill-għan li għalih kienu mgħoddija lilu għal xi għan ieħor mingħajr il-kunsens espliċitu tal-vittma, kwindi hemm il-konsumazzjoni tar-reat. Dan kollu jwassal lil din l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tkun moralment konvinta mill-ħtija tal-appellant fir-rigward l-unika mputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant, għal dawn il-motivi premessi, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji tal-appellant qed jiġu respinti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju tal-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sentejn priġunerija fejn l-appellant jisħaq li l-piena mposta fuqu hija waħda eċċessiva.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopju# fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[14] .

Illi, jibda' biex jingħad li l-piena kkomminata mill-Ewwel Qorti hija waħda *entro* il-parametri tal-liġi kif ukoll tirrispekja l-fattispeċje tal-każ fejn l-appellant abbuża mill-fiduċja risposta fih mill-vittma bħala avukat. Madanakollu, l-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni ir-rikors konġunt li ġie ntavolat nhar it-30 ta' Settembru 2024, fejn l-appellant u l-parte ċivile qegħdin jaqblu li s'issa, l-istess appellant kien ħallas lura lill-parte ċivile is-somma ta' €72,500, u li hemm ftehim ta' rimbors mill-appellant favur il-parti offiża, jew l-eredi tiegħu, billi jidher illi llum huwa defunt, li sal-lum qed jiġi attwat. In vista ta' dan, għalkemm l-appellant kellu diversi snin sabiex isalda dan id-dejn, iżda jidher li qed jagħmel dan biss reċentement, x'aktarx għaliex hemm piena karċerarja imdendla fuq rasu, l-Qorti hija tal-fehma illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti għandha tiġi riformata u dan sabiex il-parti offiża ma jitlifx l-opportunita' illi huwa jitħallas l-flejjes kollha meħuda indebitament.

---

[14] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell tal-appellant Patrick Spiteri. Tgħaddi sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi :**

(i) **Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant Patrick Spiteri ħati tal-unika akkuza dedotta kontrih; u**

(ii) **Tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant Patrick Spiteri għal piena ta' priġunerija effettiva ta' sentejn u minflok tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed jiġi sospiż għal żmien erba' snin (4) mil-lum. Wara li rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-appellant sabiex iħallas il-bilanċ rimanenti dovut lill-eredi tal-parti offiża Leslie Bricusse fi żmien sitt xhur mil-lum.**

Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' dina is-sentenza, jew jekk jonqos milli jħallas l-ammont dovut lill-parti offiża fiż-żmien lilu konċess.

**Edwina Grima**
**Imħallef**